MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 314/2006

**A**

**-vs-**

**B et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta' Settembru, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma:

1. Illi l-partijiet ngħaqdu fiż-żwieġ fit-23 ta' Settembru, 2000, minn liema għaqda ma twieldu ebda tfal; illi sussegwentement, il-partijiet infirdu in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti Nutar _________, datat 11 ta' Awissu, 2006.

2. Illi fit-30 ta’ Awissu, 2006 twieldet tarbija, u *cioe’* C; illi l-minuri m’huwiex il-wild naturali ta’ l-attur iżda huwa l-frott ta’ relazzjoni *extra*-konjugali li l-konvenuta kellha ma’ terza persuna oħra.

3. Illi l-imsemmija tarbija ġiet reġistrata b’kunjom l-attur meta m’huwiex il-missier naturali tat-tarbija, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

4. Illi l-attur jixtieq jiċħad li jagħraf l-imsemmija tarbija, li effettivament mhux ibnu.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-imsemmija tarbija, C, m’hijiex il-wild naturali ta’ l-attur.

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija mill-kolonna li tirrappreżenta isem u kunjom il-missier, il-kliem A, il-professjoni jew sengħa ta’ l-attur, l-eta’, post tat-twelid u residenza ta’ l-attur, kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk huwiex ħaj jew mejjet, u tawtorizza u tordna kull modifika oħra *in vista* ta’ l-ewwel talba, u jekk ikun opportun, f’kull att ieħor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuta f’isimha personali u kif ukoll bħala kuratriċi sabiex tirrappreżenta l-interessi tal-minuri C, ippreżentata fit-28 ta’ Settembru, 2007:

1. Li permess tagħha, filwaqt illi hija tammetti t-talbiet attriċi u tħoss illi fl-interess ta’ l-istess minuri t-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa, pero’ għall-korrettezza u l-preċiżjoni jiġi rilevat illi miż-żwieġ tal-kontendenti twieldu tewmin li jisimhom D u E, it-tnejn imwieldin fit-12 ta’ Novembru tas-sena 2001 u mhux “*minn*

*liema għaqda ma twieldu ebda tfal*”, kif indikat fir-rikors ta’ l-attur;

2. B’riżerva li l-ispejjeż ta’ din l-istanza jiġu sopportati nterament mir-rikorrent.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-1 ta’ Ottubru, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent m’huwiex il-leġittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna *stante* li l-Att tat-Twelid in kwistjoni hu reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Għawdex li hu kompletament separat u ndipendenti minn ta’ Malta, u dan *ai termini* tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponent m’huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-intimat, li għaldaqstant m’għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x’jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavits esebiti fil-kawża 350/07 JA.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' April, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat is-sentenza mogħtija llum stess fil-kawża fuq imsemmija.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob li jiġi korrett iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri msemmi billi ma huwiex ibnu, iżda iben missier skond hu mhux magħruf.

Billi fis-sentenza msemmija l-Qorti ddikjarat illi l-minuri huwa iben ċertu Thomas Attard, ma hemmx lok illi din il-kawża tiġi deċiża fil-mertu billi dan ġie deċiż f'dik il-kawża fejn ġie stabbilit min huwa effettivament missier il-minuri. Għalhekk il-Qorti trid tiddeċiedi biss dwar l-ispejjeż tal-kawża.

**Għaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi, tordna lill-konvenuta B tħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------